MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 343/2012

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D.,**
**bhala mandatarju specjali ta’ Rothmans of Pall Mall Limited,**
**socjeta` estera nkorporata taht il-ligijiet tal-Isvizzera u b’indirizz ta’ Zählerweg 4, 6300 Zug, fl-Isvizzera**

**vs**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u P.L. Alison Wadge**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil**
**AEROLINK INTR CARGO, entita’ estera b’indikazzjoni ta’**
**indirizz ta’ P.O. Box: 15659, *DUBAI*, fl-Emirati Gharab Maghquda**
**b’digriet tat-3 ta’ Lulju, 2012; u**

**Dr. Henry Antoncich u P.L. Peter Paul Sammut**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil**

**TESHARKIYA AL JEBAL TRADING IMRAJHA QALAFULLHA**
**MANSOOR BEL KASSAM, entita' estera b'indikazzjoni ta'**
**indirizz ta' JAMAL ABDUL NASSER STREET,**
**P.O. BOX: 251 BENGHAZI fil-Libja**
**b'digriet tal-5 ta' Gunju, 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-3 ta' April 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici, li tifforma parti mill-grupp ta' kumpanniji *British-American Tobacco*, maghruf sew madwar id-dinja nkluz f'Malta *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ta' sigaretti maghrufin ukoll bhala *Rothmans (Blue)*, hija proprjetarja ta' diveri *trademarks* li jkopru dan in-negozju;

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva, is-socjeta attrici flimkien ma' kumpanniji affiljati ohrajn, kisbu reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-*trademarks* registrati dwar prodotti ta' sigaretti maghrufin ukoll bhala *Rothmans (Blue)*;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta attrici ghandha validament rregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) it-*Trademarks* Komunitarji bin-numri ta' registrazzjoni 002107571 (figurattiva, skema ta' kuluri blu-ahmar-deheb-abjad u l-ittra *R*), 002107555 (figurattiva, rapprezentazzjoni tal-ittra *R* bl-abjad fuq sfond blue), 000218412 (kelma "ROTHMANS") u 002106862 (figurattiva, rapprezentazzjoni tal-kelma *Rothmans* u tal-ittra *R*, gewwa disinni partikolari) kollha b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004) u registrati dwar prodotti ta' sigaretti fost ohrajn;

4. Illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-dispozzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet

Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], biex b'hekk tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kapitolu erba' mija u erbatax (414), b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

5. Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414) il-Kontrollur tad-Dwana issosspenda r-rilaxx tal-*container* CMAU 5361145 kontenenti kwantita ta' pakketti tas-sigaretti gewwa kaxxi, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* konsistenti fi skema ta' kuluri deheb - blu skur – ahmar - abjad u fil-kelma figurattiva "Roseman" rapprezentata bl-abjad fuq sfond blu skur, u dawn l-oggetti (flimkien ma' materjal tal-ippakkettjar relattiv) kollha waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana waqt procedura ta' trasbord (*transhipment*), in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur il-konvenuta TESHARKIYA AL JEBAL TRADING IMRAJHA QALAFULLHA MANSOOR BEL KASSAM, u mibghuta mill-konvenuta 'l ohra AEROLINK INTR CARGO. L-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socejta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

6. Illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejba fil-hamsa (5) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll kampjuni tal-istess, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat DRAFT BILL OF LADING fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*consignee* / importatrici hemm indikata TESHARKIYA AL JEBAL TRADING IMRAJHA QALAFULLHA MANSOOR BEL KASSAM, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' JAMAL ABDUL NASSER STREET, P.O. BOX: 251, BENGHAZI fil-Libja, filwaqt li bhala *shipper* / parti li qed tibghat hemm indikata AEROLINK INTR CARGO, entita

estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' P.O. BOX: 15659, DUBAI, fl-Emirati Gharab Maghquda;

7. Illi effettivament, l-oggetti mertu ta' din il-vertenza li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox *nine hundred and ninety nine (999) cartons by 10,000 cigarettes each* (oltre ghall-kaxxi tat-tip *internals* u ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati, u dan kollu f'cirkustanzi *inter alia* fejn kemm fil-pajjiz minn fejn intbaghtu u kif ukoll fil-pajjiz tad-destinazzjoni hemm protezzjoni dwar *trademarks* fuq prodotti tas-sigaretti wkoll maghrufin bhala *Rothmans (Blue)*;

8. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sat-tlieta (3) ta' April elfejn u tnax (2012) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu pprezentati entro dan l-istess terminu;

9. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konistenti f'kwantita' ta' pakketti tas-sigaretti gewwa kaxxi flimkien ma' materjal tal-ippakkettjar relattiv, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* konsistenti fi skema ta' kuluri deheb - blu skur – ahmar - abjad u fil-kelma figurattiva "Roseman" rapprezentata bl-abjad fuq sfond blu skur, u li jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* CMAU 5361145 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u ghas-spejjez taghhom;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez ‘l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-digrieti tal-5 ta’ Gunju 2012 u tat-3 ta’ Lulju, 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ta’ Dr. Henry Antoncich et tal-20 ta’ Awwissu 2012 fejn ecceppew:
1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrizervaw ir-risposta ulterjuri taghhom meta u jekk jirnexxielhom jikkommunikaw mal-assenti minnhom rapprezentata.

Rat li r-risposta ulterjuri tal-kuraturi deputati ta’ Dr. Yana Micallef Stafrace et tad-19 ta’ Novembru 2012 fejn ecceppew:
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija in kwistjoni ma ikkontravvenjietx id-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li l-oggeti mhux falsifikati.

2. Illi isegwi li m'ghandhiex jigi ordnat lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jippreskludi xi hsara lis-socjeta attrici u lanqas li jigi ordnat lill-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi dawn l-oggetti u isegwi li l-esponenti m'ghandhomx ibaghtu xi spejjez.

3. Illi isegwi li m'ghandhiex tiehu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawn l-oggetti kull mizura ohra li jkollhom l-effett li effettivament icahdu lill-esponenti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Illi isegwi li l-esponenti ma ghandhomx ibaghtu l-ebda spejjez ta' kwalsijasi procedura.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li ll-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marka "*Rothmans (Blue)*", u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks fir-Registru tat-Trademarks Komunitarji bin-numri 002107571, 002107555, 000218412 u 002106862.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dawna (Dok. I fol. 55) li taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru CMAU 5361145 li dahal fuq il-vapur CMA CGM WAGNER fl-24 ta' Frar 2012 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti *nine hundred and ninety nine (999) cartons by 10,000 cigarettes each* (oltre ghall-kaxxi tat-tip *internals* u ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv) kollha bil-marka ROSEMAN KING SIZE u waslu fil-port hieles ta' Malta

(*Malta Freeport*) waqt il-kors ta’ procedura ta’ trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fid-29 ta’ Frar 2012 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjetajiet/entitajiet intimati Dok. LS2 fol. 324, cioe affidavit ta’ Stuart Paul Aitchison, rapprezentant tas-socjeta attrici.

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni valida nonostante li fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 2013 gew ipprezentati dokumenti li mhux relevanti ghall-allegazzjonijiet attrici u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess entitajiet konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 3 ta’ April 2012 (Dok. I fol. 55).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’kwantita ta’ pakketti tas-sigaretti gewwa kaxxi flimkien ma’ materjal tal-ippakkettjar relattiv bil-marka ROSEMAN KING SIZE, u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru CMAU 5361145 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u a spejjez taghhom;

3. Tordna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. I fol. 55 fl-atti tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------